MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 182/2012

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u markat “Dok A”;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Sandra Valentino mit-13 ta’ Frar, 2003, hawn anness u markat “Dok B”;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom disa snin separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 1 numru 2) l-partijiet reciprokament iddekadew mid-dritt li jippercepixxu manteniment fir-rigward ta' xulxin minhabba ragunijiet validi fil-ligi li jaghtu lok ghal tali dekadenza;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Frar 2003;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi fil-kuntratt tas-separazzjoni il-partijiet kienu

reciprokament iddekadew mid-dritt li jipprecepixxu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------